# KULLEĠĠ SANTA KLARA
## SKOLA SEKONDARJA - PEMBROKE
**L-EŻAMI TA' NOFS IS-SENA FRAR 2014**

**LIVELLI 4-5-6**
**IL-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA**

| | | |
|---|---|---|
| **L-EWWEL SENA** | **IL-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA (Il-Fehim mis-Smigħ)** | **IL-ĦIN: 15-il minuta** |

## Il-Karta tal-Għalliema

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **IL-MARKI** | **Il-Fehim mis-Smigħ** | Attività 1/3 | **2½** | |
| | | Attività 2/3 | **2½** | |
| | | Attività 3/3 | **5** | |
| | **IT-TOTAL** | | **10** | |

# IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA
# IL-FEHIM MIS-SMIGĦ

**L-Ewwel Attività** **(2 marki u ½)**



Merħba. Matul is-sessjoni tas-smigħ se tisma' erba' testi differenti. Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li tisma' l-qari tat-testi.

Kull test, flimkien mal-eżerċizzji se naqrahomlok darbtejn. Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek u ssib paġna 2 sabiex tibda l-ewwel attività.

*– Waqfa ta' 10 sekondi –*

Għandek ftit ħin biex tara sewwa l-istampa tal-ewwel attività.

*– Waqfa ta' 25 sekonda –*

Issa se naqralek il-ħames sentenzi. Waqt il-qari tista' tibda timmarka jekk is-sentenza moqrija hijiex Veru jew Falz.

*– Waqfa ta' 3 sekondi –*

**1 Il-Qari tas-sentenzi tal-ewwel attività.**
*Nota għall-għalliema: Importanti li n-numri ta' kull sentenza jinqraw bil-Malti.*



0. Din l-istampa hija marbuta mal-baħar u l-istaġun tax-xitwa.
1. F'din l-istampa hawn tlitt itfal, tifel u żewġt ibniet.
2. F'idejn it-tifel hemm ħafna frott u ħaxix fosthom pastarda, ħassa, karrotti u pitravi.
3. F'idejn it-tifla hemm ukoll ħafna frott u ħaxix fosthom tadam, ħjar u bżar.
4. F'idejn it-tifla ta' wara nett hemm il-fajls u l-pitazzi tal-iskola.
5. F'din l-istampa qed naraw ħafna frott u ħaxix differenti.

*– Waqfa ta' 3 sekondi –*

Issa se naqralek l-istruzzjonijiet tal-ewwel attività.
Ħares lejn l-istampa mogħtija.
Isma' b'attenzjoni s-sentenzi moqrija.
Immarka t-tweġiba billi għal kull sentenza tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba skont jekk dak moqri hux Veru jew Falz.

*– Waqfa ta' 3 sekondi –*

Issa se naqralek għat-tieni u l-aħħar darba s-sentenzi u l-istruzzjonijiet tal-ewwel attività.

**Se ngħaddi issa għat-tieni attività.**
Għandek ftit ħin biex tara sewwa l-istampa tat-tieni attività.

*– Waqfa ta' 25 sekonda –*

Issa se naqralek il-ħames sentenzi. Waqt il-qari tista' tibda timmarka jekk is-sentenza moqrija hijiex Veru jew Falz.

*– Waqfa ta' 3 sekondi –*

| **It-Tieni Attività** | **(2 marki u ½)** |
|---|---|

**2 Il-Qari tas-sentenzi tat-tieni attività.**
*Nota għall-għalliema: Importanti li n-numri ta' kull sentenza jinqraw bil-Malti.*




0. Din l-istampa hija marbuta ma' familja.
1. Fiha qed naraw ħames membri tal-familja li huma l-missier, l-omm, it-tifel, it-tifla u l-kelb.
2. It-tifel għandu trakk f'idu.
3. It-tifla qiegħda ħdejn il-kelb.
4. Wara l-ġenituri hemm trakk kbir.
5. Fl-istampa hemm ukoll ballun, fjuri u siġar kbar.

*– Waqfa ta' 3 sekondi –*

Issa se naqralek l-istruzzjonijiet tat-tieni attività.
Ħares lejn l-istampa mogħtija.
Isma' b'attenzjoni s-sentenzi moqrija.

Immarka t-tweġiba billi għal kull sentenza tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba skont jekk dak moqri hux Veru jew Falz.
Se ngħaddi issa għat-tielet u l-aħħar attività.

Għandek ftit ħin biex tara u taqra t-tielet attività.

*– Waqfa ta' 30 sekonda –*

Issa se tinqara s-silta. L-ewwel se tinqara s-silta u wara l-mistoqsijiet marbutin magħha.

*– Waqfa ta' 3 sekondi –*

| **It-Tielet Attività** | **(5 marki)** |
|---|---|

# 3 Il-Qari tas-silta:

## Goldfish

Il-Goldfish ma tagħlaqx għajnejha imma xorta torqod. **Il-Goldfish torqod billi tinżel fil-qiegħ tal-ilma. Hija ħuta li kapaċi tara wkoll il-kuluri.** Hija tgħix kemm f'ilma sħun u f'ilma kiesaħ. **Meta l-ilma jiksaħ ħafna tinżel fil-qiegħ u tnaqqas milli tiċċaqlaq. Il-Goldfish hija tip ta' ħuta li tikber skont l-ispazju li jkollha**. Goldfish f'vaski kbar jikbru aktar minn Goldfish li jgħixu f'vaski żgħar. **Hawn madwar 500 speċi ta' Goldfish.** Il-Goldfish huwa l-aktar pet popolari fid-dinja. Il-Goldfish tiekol ftit kultant u mhux f'daqqa. **Il-Goldfish tgħix madwar 25 sena.** Il-Goldfish kapaċi tiftakar u tagħraf l-uċuħ tan-nies, il-vuċijiet, il-kuluri u forom differenti. **Il-Goldfish kapaċi titgħallem tiżfen mal-mużika. L-iskali tal-Goldfish huma trasparenti** waqt li l-ġilda tkun bil-kulur. Din tista' tkun oranġjo, kulur id-deheb, safra, bajda, sewda jew roża. **Fix-xemx il-kulur tal-ġilda jiskura.**

(addattament ta' **Goldfish** ta' Claudia Cini, *Sagħtar 339,* p. 18)

Issa se naqralek il-mistoqsijiet ta' din is-silta:

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.

| | | |
|---|---|---|
| 1. Din hija silta dwar: | a. il-ħobż. | |
| | b. il-Goldfish. | |
| | ċ. il-klieb. | |

| | | |
|---|---|---|
| 2. Il-Goldfish torqod: | a. billi tagħlaq għajnejha. | |
| | b. billi titla' fil-wiċċ tal-ilma. | |
| | ċ. billi tinżel fil-qiegħ tal-ilma. | |

| | | |
|---|---|---|
| 3. Il-Goldfish kapaċi: | a. titkellem. | |
| | b. tara l-kuluri. | |
| | ċ. tkanta. | |

| | | |
|---|---|---|
| 4. Meta l-ilma jiksaħ ħafna: | a. tinżel fil-qiegħ u tnaqqas milli tiċċaqlaq. | |
| | b. titla' fil-wiċċ. | |
| | ċ. tiċċaqlaq ħafna biex tisħon. | |

| | | |
|---|---|---|
| 5. Il-Goldfish hija tip ta' ħuta li tikber: | a. ftit. | |
| | b. skont l-ispazju li jkollha. | |
| | ċ. ħafna. | |

| | | |
|---|---|---|
| 6. Kemm hawn speċi ta' Goldfish? | a. Hawn madwar 500 speċi ta' Goldfish. | |
| | b. Hawn madwar 5 speċi ta' Goldfish. | |
| | ċ. Hawn madwar 50 speċi ta' Goldfish. | |

| | | |
|---|---|---|
| 7. Kemm tgħix il-Goldfish? | a. Tgħix madwar 5 snin. | |
| | b. Tgħix madwar 25 sena. | |
| | ċ. Tgħix madwar 50 sena. | |

| | | |
|---|---|---|
| 8. X'kapaċi tagħmel il-Goldfish? | a. Il-Goldfish kapaċi tikteb l-alfabett Malti. | |
| | b. Il-Goldfish kapaċi tkanta bil-Malti u bl-Ingliż. | |
| | ċ. Il-Goldfish kapaċi titgħallem tiżfen mal-mużika. | |

| | | |
|---|---|---|
| 9. X'kulur huma l-iskali tal-Goldfish? | a. L-iskali tal-Goldfish huma trasparenti. | |
| | b. L-iskali tal-Goldfish huma roża. | |
| | ċ. L-iskali tal-Goldfish huma oranġjo. | |

| | | |
|---|---|---|
| 10. X'jiġrilu l-kulur tal-ġilda tal-Goldfish fix-xemx? | a. Fix-xemx il-kulur tal-ġilda jiswied. | |
| | b. Fix-xemx il-kulur tal-ġilda jiċċara. | |
| | ċ. Fix-xemx il-kulur tal-ġilda jiskura. | |

Issa se naqralek għat-tieni u l-aħħar darba din is-silta u l-mistoqsijiet marbuta magħha.

*– Waqfa ta' 30 sekonda –*

**TMIEM IL-KARTA**